KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 65**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023, fl-18:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Skużat:
Joseph Buttiġieġ - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 65.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

65.1.1 Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ talab sabiex ikun skużat pero xorta ngħaqad magħna fi-laqgħa permess ta' *videoconferencing.*

## 65.2 Xogħol ta' Resurfacing fi Triq it-28ta' April 1688;

65.2.1 Is-Sindku rringrazzja lill-membri talli attendew għal din il-laqgħa li ssejħet b'urġenza. Huwa nforma lill-membri li ftit siegħat qabel l-inġiener kien għadu kemm infurmah illi sabu l-cables biżżejjed li kellhom bżonn u għalhekk jekk jkun hemm qbil il-Kuntrattur jkun jista jibda bix-xogħol fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku żid jgħid li kieku cables ma nstabux issa u ġew aktar tard, kien iħalli kollox għal wara l-festa, pero ġaladarba għandhom biżżejjed u l-kuntrattur jista jibda jissuġġerixxi li x-xogħol jibda. Għal din il-laqgħa ġie mistieden l-Kuntrattur Mario Gatt sabiex jagħti spjegazzjoni tax-xogħolijiet li hemm bżonn li jsiru u kif huwa pjanat li dawn jsiru. Is-Sur Gatt spjega fid-dettal l-aspett tekniku li jinvolvu x-xogħlijiet relatati mal-bdil tas-servizzi tal-ilma, tad-dawl kif ukoll tad-dranaġġ u semma li ħafna minn dan ix-xogħol ikun irid isir bl-idejn minħabba li l-wisa tat-triq ma tantx tipprovdi għal alternattivi oħra.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li għalkemm jifhem li x-xogħol irid isir, jħares ukoll lejn il-problema taż-żmien minħabba li tali żmien huwa wisq qrib tal-festa u din l-istess triq hija waħda li tintrema kollha bl-armar u l-arterjali għal żmien il-festa. Ovjament jekk jibda x-xogħol, l-għaqdiet li jaħdmu għal festa se jkunu nkwetati dwar il-fatt li ma jafux hux se jkunu jistgħu jarmaw jew le. Il-Kuntrattur Gatt wieġeb illi huma lesti li sa ħmistax qabel il-festa jagħlqu b'mod temporanju, t-triq tinfetaħ u jipprovdilhom t-toqob għal-arterjali u t-tiżjin tal-armar. Is-Sindku semma li dan il-proġett dam aktar żmien minn dak previst sabiex jibda minħabba li dejjem baqa jżid affarijiet oħra għax ma jridx li jsir xogħol fejn titqaxxar it-triq u tingħata t-tarmac biex wara ftit terġa tinfetaħ kollha, bħal ma kien isir qabel. Kompla jgħid li dan id-dewmin kien ukoll minħabba li propju ġimgħa ilu ġie ffirmat il-ftehim mal-Ministeru Għal Għawdex fejn il-Ministeru se jkun qed jagħti s-somma ta' 150,000Ewro għal spejjeż relatati ma *Trenching* u 45,000Ewro għal spejjeż relatati mal-*Culvert*. Is-Sindku żid jgħid li ma dawn l-ispejjeż grazzi għal-għajnuna tal-Onor. Ministru Miriam Dalli ser jinbiddlu l-wires tal-High Tension cables li jammontaw għal madwar 70,000Ewro.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Viċi Sindku Ivan Ċefai kif ukoll l-Kunsilliera Valerie Cassar Meilak staqsew diversi mistoqsijiet lill-kuntrattur dwar il-livell tat-tħaffir tat-triq kif ukoll l-mod tekniku ta' kif tkun se tingħalaq temporanjament. Il-Viċi Sindku staqsa x'inhuma r-riskji involuti li kieku x-xogħol jibda f'Ottubru. Il-Kuntrattur spjega diversi diffikultajiet fosthom dawk relatati max-xita. Il-Kunsilliera V. Cassar Meilak semmiet ukoll id-diffikultajiet li se jkollhom residenti ta'din it-triq b'mod partikolari dawk li jużaw il-garaxxijiet għax-xogħol tagħhom ta'kuljum bħal ma hu l-mechanic. L-Kuntrattur wieġeb li se jkunu qed jitpoġġew il-pjanċi u għar-residenti se jitpoġġew fallakki wisgħin fuq xhix jimxu. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa minn liema parti huwa maħsub li jibda x-xogħol u hux se jingħalaq l-aċċess għal triq il-Wardija. L-Kuntrattur kkonferma li x-xogħol maħsub li jibda mill-Pjazza. Il-Viċi Sindku Ivan Ċefai qal li mportanti li fi żmien qabel il-festa jrid jieqaf ix-xogħol. Il-Kuntrattur informal ill-membri li min naħa tiegħu, hu jista jibda mill-ġimgħa d-dieħla u wara l-kuntrattur irtira mill-kamra sabiex il-kunsill jkun jista jiddiskuti internament dwar din il-materja.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg spjega li minn Ġunju jibdew l-attivitajiet tal-festa li jsiru kull weekend u hu jħoss li jekk nibdew dan ix-xogħol qabel il-festa tkun ġennata. Spjega li jifhem li mhuwiex xogħol li jsir fix-xitwa minħabba x-xita pero mill-festa sax-xitwa jibqa tlett xhur. In-nies kollha jgħaddu minn ġo din it-triq fiż-żmien tal-festa u minkejja li l-Kuntrattur qed jgħid li se jagħlaq qabel il-festa, din xorta se tkun kollha trab u mhux se tkun prezentabbli. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Meilak żiedet tgħid li hi taqbel ma dak kollu li qal il-Kunsillier Karl Buttigieg. Kompliet tgħid li hemm ħafna bars u restoranti li huma dipendenti fuq dan iż-żmien għax-xogħol u għalhekk mhuwiex iż-żmien opportun. Hija spjegat li hi stess toqgħod f'din it-triq u tifhem il-bżonn li ssir pero għandha tibda wara l-festa. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ jaqbel ukoll li x-xogħol isir imma għandu jsir wara l-festa. Il-Viċi Sindku spjega li jinkwieta dwar ir-riskju li jista jkun hemm dwar l-eskadenza tal-fondi.* Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li kull kuntratt ta' finanzi li jiġi ffirmat ikun marbut ma data ta' skadenza pero għad ma kellhiex ċans tiċċekja dwar iż-żmien li hemm allokat ma dawn il-fondi. Is-Sindku fakkar li dan ħa jsir xogħol sewwa ħafna u se jintefqu 700,000elf sabiex isir dan ix-xogħol fejn wires tal-High Tension li kienu ilhom hemm għal aktar minn 50 ser jinbiddlu. Is-Sindku kompla jgħid li ma jieħdux vot llum imma jistennew li jkun preżenti l-Kunsillier Joseph Buttigieg. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv dwar id-data ta' skadenża tal-fondi u ma kienx f'pożizzjoni li jieħu deċizzjoni qabel ma jkun jaf dwar dan. Il-Kunsillier K. Buttigieg żid jgħid li dawn il-fondi ilhom hemm minn żmien il-Ministru preċedenti u ma jemminx li hemm problema ta' skadenza ta' fondi. Is-Sindku żid jgħid li hu jħoss li ġaladarba nstab il-materjal, ix-xogħol għandu jibda issa. Il-pożizzjoni tal-Kunsilliera K Buttigieg u l-Kunsilliera V. Cassar Meilak kienet li ma tibdix issa imma tibda wara l-festa, fi żmien meta l-attivitajiet fil-Qala jkunu aktar kwieti.

* u għalhekk issuġġerixxa li qabel jittieħed vot, l-ewwel għandna naraw x'riskju hemm li jekk jittawwal jintilfu il-fondi wara li nsiru nafu ssir laqgħa oħra fejn il-kunsill kollu jkun preżenti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-Kunsillier K. Buttiġieġ kompla jgħid li mportanti li jekk b'vot tgħaddi li x-xogħol jibda għandna navżaw lill-għaqdiet minħabba li għandhom l-armar fil-garaxxijiet f'din it-triq u ma jkunux jistgħu joħorġuhom. Il-Kunsilliera V. Cassar Meilak ziedet li għandna ninfurmaw wkoll lir-residenti. Is-Sindku wieġeb li diġa saret mappa tat-traffic management ippreparata minn Transport Malta u se tkun qed tintbgħat lir-residenti kollha.

## 65.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19:45pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023, fl-16.30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt